MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 418/2003

Avviz Nru 418/03DM

Stefano Cremona, Dominic Paul Bythell, Charles Briffa u Ivan Camilleri

Vs

Topserv Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tas-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-atturi is-somma ta' elf, seba' mija tlieta u disghin lira Maltin (Lm1,793), liema somma tirrapprezenta arretrati ta' pagi dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-atturi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu rapprezentant taghhom biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi flimkien is-somma ta’ elf, seba’ mija tlieta u disghin lira Maltin (Lm1,793) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mil-25 ta’ Awissu, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------